

32003L0037

L 171/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.7.2003

**ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL Nru. 2003/37/Ke
tas-26 ta' Mejju, 2003,**

dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE.

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita skond l-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

(1) Fir-rigward ta' l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' approvazzjoni, huma indispensabbli li d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu, 1974, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresti ⁽⁴⁾ jinġiebu jaqblu ma' dawk tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar, 1970, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽⁵⁾ u dawk tad-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju, 1992, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta ⁽⁶⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 151 E, 25.6.2002, pġ. 1.

⁽²⁾ ĠU C 221, 17.9.2002, pġ. 5.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' April, 2002 (għada mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali), posizzjoni komuni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru, 2002 (ĠU C 84 E, 8.4.2003, pġ. 1) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' April, 2003 (għada mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ ĠU L 84, 28.3.1974, pġ. 10. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/3/KE (ĠU L 28, 30.1.2001, pġ. 1).

⁽⁵⁾ ĠU L 42, 23.2.1970, pġ. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/116/KE (ĠU L 18, 21.1.2002, pġ. 1).

⁽⁶⁾ ĠU L 225, 10.8.1992, pġ. 72. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 106, 3.5.2000, pġ. 1).

(2) Id-Direttiva 74/150/KEE fil-preżent tillimita l-iskop tal-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip tal-Komunità għal tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresti. Huwa għalhekk ukoll indispensabbli li jiġi estż il-kamp ta' l-applikazzjoni tagħha għal kategoriji oħra ta' vetturi agrikoli jew tal-foresti. Din id-Direttiva hija għalhekk l-ewwel pass biex ikunu regolati vetturi oħra agrikoli bil-mutur.

(3) Għandu titqies ukoll il-ħtieġa li tkun stabbilita proċedura ta' deroga għal ċerti vetturi mibnija f'numru limitat jew fl-aħħar tas-serje jew għal dawk li minħabba l-progress tekniċu mhumiex koperti b'direttiva separata.

(4) Billi d-Direttiva preżenti hija bbażata fuq il-prinċipju ta' armonizzazzjoni totali, jeħtieġ li jkun hemm perjodu transitorju twil biżżejjed qabel ma l-approvazzjoni tat-tip KE ssir obbligatorja, biex dawk li jibnu dawk il-vetturi ikunu jistgħu jadattaw lilhom infushom mal-proċeduri armonizzati l-ġodda.

(5) Bħala riżultat tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru, 1997, għall-fini ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' disposizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, għal apparat u għal partijiet li jistgħu jitwawhlu ma' u/jew użati fuq vetturi bir-roti u għall-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku ta' approvazzjonijiet maħruġin skond dawk id-disposizzjonijiet (Ftehim ta' l-1958 rivedut) ⁽⁷⁾, jeħtieġ li jkun hemm qbil mad-diversi regolamenti internazzjonali li għalihom il-Komunità aċċediet. Jeħtieġ ukoll li ċerti testijiet ikunu jiġu armonizzati ma' dawk kif imfissra mill-kodiċi ta' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku (OECD).

⁽⁷⁾ ĠU L 346, 17.12.1997, pġ. 78.

- (6) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju, 1999, li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' eżekuzzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽¹⁾.
- (7) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea bħala prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità.
- (8) Id-Direttiva 74/150/KEE ġiet emendata diversi drabi u b'mod sostanzjali, u jkun xieraq, għall-finijiet ta' ċarezza u razzjonalità, li tkun kodifikata.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Skop

1. Din id-Direttiva tapplika għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi maħdumin fi stadju wieħed jew f'aktar. Hija tapplika għall-vetturi kif imfissra fl-Artikolu 2(d), maħdumin li jkollhom veloċità massima ta' mhux anqas minn 6 km/h.

Din id-Direttiva tapplika wkoll għall-approvazzjoni KE tat-tip tas-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawg il-vetturi.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-:

- (a) approvazzjoni ta' vettura waħedha;
- Iżda, din il-proċedura tista' tapplika għal ċerti kategoriji ta' vetturi li huma skond il-finijiet ta' din id-Direttiva u li għalihom l-approvazzjoni KE tat-tip hija obbligatorja;
- (b) makkinarju magħmul speċjalment għall-użu fil-foresti, bħal *skidders* u *forwarders* kif imfissra fl-istandard ISO 6814:2000;
- (ċ) makkinarju għall-foresti mibni fuq *chassis* għal tagħmir ta' tħammil kif imfisser fl-istandard ISO 6165:2001;
- (d) makkinarju interkambjabbli u li jinżamm merfugħ għal kollox mill-art meta l-vettura li magħha jitqabbad tintuża fit-triq.

⁽¹⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, pġ. 23.

Artikolu 2

Tifsir

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) "Approvazzjoni KE tat-tip" tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfaw il-ħtiġiet tekniċi rilevanti ta' din id-Direttiva; l-approvazzjoni KE tat-tip ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati tista' wkoll tkun magħrufa bħala "approvazzjoni KE tat-tip ta' komponent";
- (b) "approvazzjoni KE tat-tip f'ħafna stadji" tfisser il-proċedura li biha Stat Membru wieħed jew aktar jiċċertifika li, skond jekk ikunx tlesta jew le, tip inkomplet jew komplet ta' vettura jissodisfa l-ħtiġiet tekniċi rilevanti ta' din id-Direttiva;
- (ċ) "approvazzjoni ta' vetturi weħidhom" tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li vettura approvata waħedha tis-sodisfa l-ħtiġiet nazzjonali;
- (d) "vettura" tfisser kull trattur, trejler jew makkinarju irmunkat interkambjabbli, kemm jekk sħiħ, inkomplet jew komplet, maħsub li jintuża fl-agrikoltura jew fil-foresti;
- (e) "kategorija ta' vettura" tfisser kull sett ta' vetturi li jkollhom karatteristiċi identiċi ta' disinn;
- (f) "tip ta' vettura" tfisser vetturi ta' kategorija partikolari li ma jkollhomx il-karatteristiċi essenzjali imsemmija fl-Anness II, Kapitolu A, differenti minn xulxin; il-varjanti u l-verżjonijiet differenti ta' tip ta' vettura msemmija fl-Anness II, Kapitolu A, huma permissibbli;
- (g) "vettura bażi" tfisser kull vettura inkompleta, li n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura tagħha jinżamm matul l-istadji sussegwenti tal-proċess ta' l-approvazzjoni KE tat-tip f'ħafna stadji;
- (h) "vettura inkompleta" tfisser kull vettura li jkun għad jonqosha biex titlesta ta' l-anqas stadju ieħor sabiex tikkonforma mal-ħtiġiet rilevanti ta' din id-Direttiva;
- (i) "vettura kompleta" tfisser vettura li tirriżulta mill-proċess ta' approvazzjoni KE tat-tip b'ħafna stadji li tikkonforma mal-ħtiġiet rilevanti kollha ta' din id-Direttiva;
- (j) "trattur" tfisser kull trattur bil-mutur, bir-roti jew biċ-ċineg għall-agrikoltura jew għall-foresti li jkollu ta' l-anqas żewġ fusijiet u veloċità massima skond id-disinn ta' mhux anqas minn 6 km/h, li l-funzjoni prinċipali tiegħu hija l-qawwa tal-ġbid u li jkun ġie magħmul l-aktar biex jiġbed, jimbotta, iġorr u jħaddem ċertu apparat interkambjabbli, maħsub biex jagħmel xogħol fl-agrikoltura jew fil-foresti, jew biex jirmonka karrijiet ta' l-agrikoltura jew tal-foresti; jista' jiġi adattat biex iġorr tagħbijiet ta' xogħol agrikolu jew tal-foresti u/jew jista' jiġi mġammar b'postijiet għal passiġġieri;

- (k) “karru” tfisser kull karru rmunkat ta’ l-agrikoltura jew tal-foresti maħsub l-aktar biex iġorr tagħbijiet u magħmul biex ikun irmunkat minn trattur għal skopijiet ta’ agrikoltura jew ta’ foresti; karrijiet li parti mit-tagħbija tagħhom tinġarr mill-vettura li tirmonka jaqgħu f’din il-kategorija; kull vettura mqabba ma’ trattur u li tinkludi b’mod permanenti għodda għandha titqies bħala karru ta’ l-agrikoltura jew tal-foresti jekk il-proporzjon tal-massa grossa teknikament permissibbli għall-massa mingħajr tagħbija ta’ dik il-vettura tkun daqs jew aktar minn 3,0 u jekk il-vettura ma tkunx tfasslet biex tipproċessa materjali;
- (l) “makkinarju irmunkat interkambjabbli” tfisser kull strument użat fl-agrikoltura jew fil-foresti magħmul biex jiġi rmunkat minn trattur u jibdel jew iżid il-funzjonijiet tiegħu; jista’ jinkludi pjattaforma għal tagħbija mfassla u magħmula biex tieħu kull għodda u tagħmir meħtieġa għal dawk il-finijiet, u għal ħażna temporanja ta’ kull materjal maħdum jew meħtieġ matul ix-xogħol; kull vettura maħsuba biex tkun irmunkata minn trattur u li tinkludi b’mod permanenti għodda jew magħmula biex tipproċessa materjali għandha titqies bħala makkinarju irmunkat interkambjabbli jekk il-proporzjon tal-massa grossa teknikament permissibbli għall-massa mingħajr tagħbija ta’ dik il-vettura ikun anqas minn 3,0;
- (m) “sistema” tfisser sett ta’ mekkaniżmi, li flimkien iwettqu funzjoni speċifika f’vettura;
- (n) “komponent” tfisser mekkaniżmu, maħsub li jkun parti minn vettura, li jista’ jkollha approvazzjoni tat-tip indipendentement minn vettura;
- (o) “unità teknika separata” tfisser mekkaniżmu, maħsub li jkun parti minn vettura, li jista’ jkollha l-approvazzjoni tat-tip separatament iżda biss għal dak li għandu x’jaqsam ma’ tip speċifiku wieħed jew aktar ta’ vetturi;
- (p) “manifattur” tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li hija responsabbli għall-awtorità ta’ l-approvazzjoni KE tat-tip għall-aspetti kollha tal-proċess ta’ l-approvazzjoni tat-tip u biex tassigura konformità ta’ produzzjoni, mingħajr ma jitqies jekk dik il-persuna tkunx direttament involuta fl-istadji kollha għall-bini ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata; dawn li ġejjin jitqiesu wkoll manifatturi:
- (i) kull persuna naturali jew ġuridika li, għall-użu tagħha stess, tfassal, fasslet, tibni jew bniet vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata;
- (ii) kull persuna naturali jew ġuridika li tkun responsabbli biex tassigura l-konformità ma’ din id-Direttiva fiż-żmien li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jit-qiegħdu fis-suq jew jidħlu fis-servizz;
- Rappreżentant ta’ manifattur huwa persuna naturali jew ġuridika stabbilita fil-Komunità, maħtur kif imiss mill-manifattur biex jirrappreżentah ma’ l-awtorità kompetenti u biex jaġixxi f’ismu f’dak li għandu x’jaqsam ma’ din id-Direttiva.
- Fdan li ġej, meta ssir referenza għall-kelma “manifattur”, din għandha tiftiehem bħala manifattur jew rappreżentant tiegħu.
- (q) “dħul fis-servizz” tfisser l-ewwel użu li għalih tkun saret fil-Komunità ta’ kull vettura li ma tkun teħtieġ ebda stallazzjoni jew aġġustament mill-manifattur jew parti terza maħtura minnu minnu qabel l-ewwel użu tagħha; id-data li fiha tkun reġistrata jew imqiegħda għall-ewwel darba fis-suq għandha titqies bħala d-data tad-dħul fis-servizz;
- (r) “awtorità ta’ l-approvazzjoni KE tat-tip” tfisser l-awtorità fi Stat Membru li hija responsabbli għall-aspetti kollha ta’ l-approvazzjoni ta’ tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, u li toħroġ u, meta jkun xieraq, tirtira l-approvazzjoni KE tat-tip, isservi bħala mezz ta’ kuntatt għall-awtoritajiet ta’ l-approvazzjoni KE tat-tip fl-Istati Membri l-oħra u tivverifika l-miżuri meħuda mill-manifattur biex tassigura konformità ta’ prodott;
- (s) “servizz tekniku” tfisser l-organizzazzjoni jew korp maħtur bħala laboratorju eżaminatur biex jaġmel testijiet jew spezzjonijiet fisem l-awtorità ta’ l-approvazzjoni KE tat-tip fi Stat Membru; din il-funzjoni tista’ ssir ukoll mill-awtorità nfisha ta’ l-approvazzjoni KE tat-tip;
- (t) “direttivi separati” tfisser id-direttivi msemija fil-lista fl-Anness II, Kapitolu B;
- (u) “ċertifikat ta’ l-approvazzjoni KE tat-tip” tfisser waħda mill-formoli li jidhru fl-Anness II, Kapitolu Ċ, jew l-anness li jikkorrispondi miegħu f’direttiva separata, li tistabbilixxi liema informazzjoni għandha tingħata mill-awtorità għall-approvazzjoni KE tat-tip;
- (v) “dokument ta’ informazzjoni” tfisser waħda mill-formoli li jidhru fl-Anness I, jew l-anness li jikkorrispondi miegħu f’direttiva separata, li tistabbilixxi l-informazzjoni li għandha tingħata mill-applikant;
- (w) “folder ta’ informazzjoni” tfisser il-folder komplet jew file li fih ikun hemm, b’mod partikolari, d-data, disinji u ritratti meħtieġa skond l-Anness I u mogħtija mill-applikant lis-servizz tekniku jew lill-awtorità ta’ l-approvazzjoni KE tat-tip kif meħtieġ mid-dokument ta’ informazzjoni skond direttiva separata jew f’din id-Direttiva;

- (x) "pakkett ta' informazzjoni" tfisser il-*folder* ta' informazzjoni flimkien ma' kull rapport dwar testijiet jew dokumenti oħra li s-servizzi tekniċi jew l-awtorità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip ikunu żiedu mal-*folder* ta' informazzjoni waqt li jkun qed jagħmlu x-xogħol tagħhom;
- (y) "indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni" tfisser id-dokument li jistabbilixxi l-kontenut tal-pakkett ta' l-informazzjoni li jkun ġie numerat kif imiss jew xort'oħra mmarkat sabiex il-paġni kollha jintwerew b'mod ċar;
- (z) "ċertifikat ta' konformità" tfisser id-dokument imsemmi fl-Anness III, mibgħut mill-manifattur, li jiċċertifika li vettura partikolari, approvata skond din id-Direttiva, tikkonforma ma' l-istrumenti regolatorji applikabbli fiż-żmien meta tkun tles-tiet tagħha u li jiddikjara li hija tkun tista' tiġi reġistrata jew imqiegħda fis-servizz fl-Istati Membri kollha mingħajr spezzjoni addizzjonali.

Artikolu 3

Applikazzjoni għall-approvazzjoni KE tat-tip

1. Il-manifattur għandu jibgħat applikazzjoni għall-approvazzjoni KE tat-tip ta' vettura lill-awtorità ta' approvazzjoni ta' Stat Membru. Hija għandha tkun akkumpanjata b'*folder* ta' informazzjoni li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skond l-Anness I.

Dwar l-approvazzjoni KE tat-tip ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-*folder* ta' informazzjoni għandu wkoll ikun disponibbli għall-awtorità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip sakemm l-approvazzjoni KE tat-tip tingħata jew tkun rifjutata.

2. Fil-każ ta' approvazzjoni KE tat-tip f'ħafna stadji, l-informazzjoni li tingħata għandha tikkonsisti fi:

- (a) fl-ewwel stadju: dawk il-partijiet tal-*folder* ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati ta' l-approvazzjoni KE tat-tip meħtieġa għal vettura kompleta li jikkorrispondu ma' l-istat li fih tkun waslet il-vettura bażi biex tilesta;
- (b) fit-tieni stadju u fi stadji wara: dawk il-partijiet tal-*folder* ta' informazzjoni u ċertifikati ta' l-approvazzjoni KE tat-tip li huma rilevanti għall-istadju kurrenti ta' kostruzzjoni u kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip għall-vettura inkompleta maħruġa fl-istadju ta' qabel; b'żieda ma' dan il-manifattur għandu jipprovdi lista dettaljata tal-bidliet u ż-żidiet li jkun għamel fil-vettura inkompleta.

3. Il-manifattur għandu jibgħat applikazzjoni għall-approvazzjoni KE tat-tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata lill-awtorità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip fi Stat Membru. Hija għandha tkun akkumpanjata b'*folder* ta' informazzjoni kif meħtieġ skond id-direttiva separata.

4. Applikazzjonijiet għall-approvazzjoni KE tat-tip ta' tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jistgħu jintbagħtu lil Stat Membru wieħed. Applikazzjoni separata għandha tintbagħat għal kull tip li għandu jkun approvat.

Artikolu 4

Proċess ta' l-approvazzjoni KE tat-tip

1. Kull Stat Membru għandu jagħti:

- (a) l-approvazzjoni KE tat-tip lit-tipi ta' vetturi li jikkonformaw mal-partikolaritajiet fil-*folder* ta' informazzjoni u li, skond il-kategorija tagħhom, ikunu skond il-ħtiġiet tekniċi tad-direttivi separati kollha msemmija fl-Anness II, Kapitolu B;
- (b) l-approvazzjoni KE tat-tip f'ħafna stadji għall-vetturi bażi inkompleti jew kompleti li jikkonformaw mal-partikolaritajiet fil-*folder* ta' informazzjoni u jkun skond il-ħtiġiet tekniċi tad-direttivi separati kolha msemmija fl-Anness II, Kapitolu B;
- (c) approvazzjoni KE tat-tip għal sistema, komponent jew unità teknika separata għat-tipi kollha ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jikkonformaw mal-partikolaritajiet fil-*folder* ta' informazzjoni u li jħarsu l-ħtiġiet tekniċi li jinsabu fid-direttiva separata li tikkorrispondi elenkata fl-Anness II, il-Kapitolu B.

Meta s-sistema, komponent jew unità teknika separata li għandhom ikunu approvati jaqdu l-funzjonijiet kollha tagħhom jew tjofru karatteristika speċjali biss flimkien ma' partijiet oħra tal-vettura, u meta, għal din ir-raġuni, il-konformità ma' ħtieġa waħda jew aktar tista' tkun iwwerifikata biss meta s-sistema, komponent jew unità teknika separata li għandhom ikunu approvati jaħdmu flimkien ma' partijiet oħra tal-vettura, kemm jekk reali jew simulati, l-iskop ta' l-approvazzjoni KE tat-tip tas-sistema, komponent jew unità teknika separata għandu jkun ristrett skond il-każ.

F'dan il-każ, iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip għal dik is-sistema, komponent jew unità teknika separata għandu jindika kull restrizzjoni dwar l-użu tagħhom u kull kondizzjoni għat-twaħħil tagħhom. Il-ħarsien ta' dawn ir-restrizzjonijiet u kondizzjonijiet għandu jkun iwwerifikata fiż-żmien ta' l-approvazzjoni KE tat-tip tal-vettura.

2. Jekk Stat Membru jsib li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkun skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, iżda jkun ta' riskju għas-sigurtà fit-triq, fl-ambjent jew fil-post tax-xogħol, huwa jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni KE tat-tip. Huwa għandu jinnotifika minnufih b'dan lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, u jagħti r-raġunijiet li fuqhom tkun imsejsa d-deċiżjoni.

3. Għal kull tip ta' vettura li għaliha tkun tat, irrifjutat li tagħti jew irtirat approvazzjoni KE tat-tip, l-awtorità ta' approvazzjoni f'kull Stat Membru għandha tibgħat fi żmien xahar kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip akkumpanjat bid-dokumenti msemmija fil-Kapitolu Ċ ta' l-Anness II lill-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni tat-tip fl-Istati Membri l-oħra.

4. Kull xahar, l-awtorità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip f'kull Stat Membru għandha tibgħat lista li jkun fiha l-partikolaritajiet murija fl-Anness VI ta' l-approvazzjonijiet tat-tip KE għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li tkun tat, irrifjutat li tagħti jew irtirat matul ix-xahar in kwistjoni lill-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni KE tat-tip fl-Istati Membri l-oħra.

Dawn l-awtoritajiet, malli jirċievu applikazzjoni mill-awtorità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip fi Stat Membru ieħor, għandhom minnufih jibagħtulha kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip għas-sistema, komponent jew unità teknika separata in kwistjoni u/jew pakkett ta' informazzjoni għal kull tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata li fir-rigward tagħhom tkun ħarġet, irrifjutat li toħroġ jew irtirat approvazzjoni KE tat-tip.

Artikolu 5

Emendi għall-approvazzjonijiet tat-tip KE

1. L-Istat Membru li jkun ta approvazzjoni KE tat-tip għandu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li jkun infurmat b'kull bidla fil-partikolaritajiet li jidhru fil-pakkett ta' informazzjoni.

2. Applikazzjoni għal emenda ta' approvazzjoni KE tat-tip għandha tintbagħat biss lill-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni inizjali tat-tip KE.

3. Jekk, fil-każ ta' approvazzjoni KE tat-tip, xi partikolaritajiet li jidhru fil-pakkett ta' informazzjoni jkunu nbidlu, l-awtorità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip fl-Istat Membru li tkun tat l-approvazzjoni inizjali tat-tip KE għandha toħroġ paġni riveduti tal-pakkett ta' informazzjoni kif meħtieġ, u timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-bidla u d-data tal-ħruġ mill-ġdid.

Verżjoni konsolidata u aġġornata tal-pakkett ta' informazzjoni, akkumpanjata b'deskrizzjoni dettaljata ta' l-emenda, għandha wkoll titqies li tħares din il-ħtieġa.

4. Kull darba li jinħarġu paġni emendati jew verzjoni konsolidata u aġġornata, l-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni mehmuż maċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip għandu wkoll jiġi emendat biex juri d-dati l-aktar reċenti ta' l-emenda, jew id-data tal-verzjoni konsolidata u aġġornata.

5. L-emenda għandha titqies bħala "estensjoni" u l-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip fl-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni inizjali tat-tip KE għandha toħroġ ċertifikat rivedut ta' l-approvazzjoni KE tat-tip li jkun fih numru ta' l-estensjoni li jid-dikjara b'mod ċar ir-raġuni għall-estensjoni u d-data tagħha ta' ħruġ mill-ġdid fil-każi li ġejjin:

(a) jekk ikun meħtieġ li jsiru aktar spezzjonijiet;

(b) jekk xi informazzjoni fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip, ħliet għad-dokumenti mehmuża miegħu, tkun inbidlet;

(ċ) jekk il-ħtieġ ta' direttiva separata li kienet tapplika fid-data li fiha l-ewwel dħul fis-servizz huwa pprojbit ikunu nbidlu mid-data li attwalment tkun tidher fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip tal-vettura;

6. Jekk l-awtorità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip fl-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni inizjali tat-tip KE issib li emenda għall-pakkett ta' informazzjoni ikun jeħtiġilha aktar spezzjonijiet jew testijiet jew verifiki ġodda, għandha tinforma b'dan lill-manifattur u għandha toħroġ id-dokumenti msemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 biss wara li tagħmel testijiet jew verifiki li jkunu ġabu riżultati sodisfaċenti.

Artikolu 6

Ċertifikat ta' konformità u marka ta' approvazzjoni KE tat-tip

1. Fil-kapaċità tiegħu ta' detentur ta' ċertifikat ta' approvazzjoni KE tat-tip, il-manifattur għandu joħroġ ċertifikat ta' konformità.

Dan iċ-ċertifikat, li kampjuni tiegħu jidhru fl-Anness III, għandu jkun f'kull vettura, kemm jekk kompleta jew inkompleta, manifatturata b'konformità mat-tip ta' vettura approvat.

2. Għall-finijiet ta' tassazzjoni jew reġistrazzjoni ta' vetturi, l-Istati Membri jistgħu, wara li għall-inqas jagħtu avviż ta' tliet xhur lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, jesigū partikolaritajiet mhux imsemmija fl-Anness III li jżiedu maċ-ċertifikat ta' konformità, sakemm daww il-partikolaritajiet ikunu dikjarati espliċitament fil-pakkett ta' informazzjoni jew ikunu jistgħu jinkisbu minnu b'kalkolazzjoni sempliċi.

3. Fil-kapaċità tiegħu bħala detentur ta' ċertifikat ta' approvazzjoni KE tat-tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, il-manifattur għandu jwajhhal ma' kull komponent jew unità manifatturata b'konformità mat-tip approvat l-isem tan-negozju jew trejdmak, it-tip u/jew, jekk id-direttiva separata hekk tipprovdi, il-marka jew numru ta' approvazzjoni KE tat-tip.

4. Fil-kapaċità tiegħu bħala detentur ta' ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip li, skond l-Artikolu 4(1)(ċ), jinkludi restrizzjonijiet dwar l-użu tas-sistema, komponent jew unità teknika separata in kwistjoni, il-manifattur għandu jipprovdi ma' kull sistema, komponent jew unità teknika separata informazzjoni dettaljata dwar dawn ir-restrizzjonijiet u għandu jindika kull kon-dizzjoni għat-twaħħil tiegħu.

Artikolu 7

Reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz

1. Kull Stat Membru għandu jirreġistra vetturi ġodda tat-tip approvat, jippermetti l-bejgħ tagħhom jew jippermetti d-dħul tagħhom fis-servizz għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni u t-tħaddim tagħhom biss jekk ikunu akkumpanjati b'ċertifikat validu ta' konformità.

Kull Stat Membru għandu jippermetti l-bejgħ ta' vetturi inkompleti iżda jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni permanenti u dħul fis-servizz tagħhom sa dak iż-żmien li jkunu tlestew.

2. Kull Stat Membru għandu jippermetti l-bejgħ jew dħul fis-servizz ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati biss jekk dawn is-sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mad-direttivi separati li jikkorrispondu u mal-ħtiġiet imsemmija fl-Artikolu 6(3).

Artikolu 8

Eżenzjonijiet

1. Il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 7(1) m'għandhomx japplikaw għal vetturi maħsuba għal użu mill-forzi armati, protezzjoni ċivili, tifi tan-nar jew għal servizzi ta' ordni pubbliku jew għall-vetturi tat-tip approvat skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Kull Stat Membru jista', fuq talba tal-manifattur, jeżenta l-vetturi msemmija fl-Artikoli 9, 10 u 11 minn waħda jew aktar mid-disposizzjonijiet ta' direttiva separata waħda jew aktar.

Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra lista ta' l-eżenzjonijiet mogħtija.

Artikolu 9

Vetturi magħmulin f'serje żgħar

Għal vetturi prodotti f'serje żgħar, in-numru ta' vetturi reġistrati, offruti għall-bejgħ jew imqegħda fis-servizz kull sena f'kull Stat

Membru għandu jkun limitat għan-numru massimu ta' unitajiet murija fl-Anness V, Taqsima A.

Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni lista ta' l-approvazzjonijiet tat-tip KE ta' dawn il-vetturi. L-Istat Membru li jagħti dik l-approvazzjoni KE tat-tip għandu jibgħat kopja tad-dokumenti ta' informazzjoni u ċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip u dokumenti kollha meħmuża miegħu lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni fl-Istati Membri l-oħra maħtura mill-manifattur, filwaqt li jiddikjara n-natura ta' l-eżenzjonijiet li jkunu ngħataw. Fi żmien tliet xhur, dawn l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jaċċettawx l-approvazzjoni KE tat-tip għall-vetturi li għandhom jiġu reġistrati fit-territorju tagħhom u, jekk iva, għal kemm-il vettura.

Artikolu 10

Vetturi fl-aħħar tas-serje

1. Għal vetturi fl-aħħar tas-serje, l-Istati Membri jistgħu, fuq talba tal-manifattur, fil-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Anness V, Taqsima B, u għall-perjodu limitat muri fit-tielet subparagrafu, jirreġistraw u jippermettu l-bejgħ jew dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda li jikkonformaw ma' tip ta' vettura li l-approvazzjoni tagħha ma tkunx aktar valida.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal vetturi li:

- (a) jkunu fit-territorju tal-Komunità, u
- (b) ikunu akkumpanjati b'ċertifikat validu ta' konformità maħruġ meta l-approvazzjoni KE tat-tip tal-vettura in kwistjoni kienet għada valida, iżda li ma kinitx reġistrata jew imqegħda fis-servizz qabel ma' l-imsemmija approvazzjoni tilfet il-validità tagħha.

Din l-għażla hija ristretta għal perjodu ta' 24 xahar għal vetturi kompleti u 30 xahar għal vetturi kompleti mid-data ta' l-iskadenza ta' l-approvazzjoni KE tat-tip.

2. Sabiex japplika l-paragrafu 1 għal tip wieħed jew aktar ta' vetturi f'kategorija speċifika, il-manifattur tagħhom għandu jibgħat talba lill-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru milqut bid-dħul fis-servizz ta' dak it-tip ta' vettura. It-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet tekniċi u/jew ekonomiċi li fuqhom tkun ibbażata.

Fi żmien tliet xhur, dawn l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jawtorizzawx jew le r-reġistrazzjoni tat-tip ta' vettura in kwistjoni fit-territorju tagħhom, u jekk iva għal kemm vetturi.

Kull Stat Membru li jkun milqut bid-dħul fis-servizz ta' dawn it-tipi ta' vetturi għandu jkun responsabbli li jassigura li l-manifattur tagħhom ikun konformi ma' l-Anness V, Taqsima B.

Artikolu 11

Inkompatibilità ta' vetturi, sistemi u komponenti jew unitajiet tekniċi separati

Għal vetturi, sistemi u komponenti jew unitajiet tekniċi separati mfasslin skond it-teknika jew prinċipji li huma inkompatibbli ma' htiēga waħda jew aktar ta' direttiva separata waħda jew aktar:

- (a) Stat Membru jista' jagħti approvazzjoni provviżorja tat-tip KE. F'dan il-każ, huwa għandu, fi żmien xahar, jibgħat kopja ta' ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip u d-dokumenti mehmuża miegħu lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni fl-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Fl-istess żmien, huwa għandu jibgħat lill-Kummissjoni talba għall-awtorizzazzjoni biex jagħti approvazzjoni KE tat-tip skond din id-Direttiva.

Dik it-talba għandha tkun akkumpanjata b'fajl li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

- (i) ir-raġunijiet li għalihom it-teknika jew il-prinċipji in kwistjoni jagħmlu l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata inkompatibbli mal-ħtiġiet ta' direttiva separata rilevanti waħda jew aktar;
- (ii) deskrizzjoni ta' kwistjonijiet imqajma dwar sigurtà, protezzjoni ambjentali jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol mqajjma u l-azzjoni meħuda;
- (iii) deskrizzjoni tat-testijiet, flimkien mar-riżultati tagħhom, li juri li l-livell ta' sigurtà, protezzjoni ambjentali u sigurtà fuq il-post tax-xogħol garantiti huwa ta' l-anqas ekwivalenti għal dak garantit bil-ħtiġiet ta' direttiva separata rilevanti waħda jew aktar.
- (b) fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-fajl kollu, il-Kummissjoni għandha tibgħat abbozz ta' deċiżjoni lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 20(1). Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 20(2), il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tawtorizzax jew le lill-Istat Membru li jagħti approvazzjoni KE tat-tip skond din id-Direttiva.
- It-talba ta' awtorizzazzjoni u l-abbozz tad-deċiżjoni biss għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri fil-lingwa/i nazzjonali tagħhom;
- (ċ) jekk it-talba tintlaqa', l-Istat Membru jista' jagħti l-approvazzjoni KE tat-tip skond din id-Direttiva. F'dan il-każ, id-deċiżjoni għandha wkoll tiddikjara jekk għandhomx ikunu

imposti restrizzjonijiet fuq il-validità ta' dawk l-approvazzjonijiet tat-tip KE. Fl-ebda każ m'għandu l-perjodu ta' validità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip jkun anqas minn 36 xahar;

- (d) meta d-direttivi separati jkunu ġew adattati għall-progress tekniku b'mod li t-tipi ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati approvati skond dan l-Artikolu jikkonformaw mad-direttivi emendati, l-Istati Membri għandhom jikkonvertu dawk l-approvazzjonijiet tat-tip KE fl-approvazzjonijiet tat-tip KE li jikkonformaw ma' din id-Direttiva, u jippermettu ż-żmien meħtieġ għall-bidliet meħtieġa fil-komponenti jew unitajiet tekniċi separati, b'mod partikolari, it-tneħħija ta' kull referenza għal restrizzjonijiet jew eżenzjonijiet.
- (e) jekk l-azzjoni meħtieġa biex jiġu adattati d-direttivi tekniċi separati ma' tkunx ittieħdet, il-validità ta' l-approvazzjonijiet tat-tip KE mogħtija skond dan l-Artikolu tista' tiġi estiża, fuq talba ta' l-Istat Membru li jkun ta' l-approvazzjoni KE tat-tip, permezz ta' deċiżjoni oħra tal-Kummissjoni;
- (f) eżenzjoni mogħtija għall-ewwel darba taħt dan l-Artikolu tista' sservi bħala referenza għall-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 20(1) għal aktar talbiet identiċi.

Artikolu 12

Ekwivalenza

1. Waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalfikata fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jirrikonoxxi l-ekwivalenza bejn il-kondizzjonijiet jew id-disposizzjonijiet għall-approvazzjoni KE tat-tip ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati stabbiliti permezz ta' din id-Direttiva flimkien mad-direttivi separati u l-proċeduri stabbiliti b'regolamenti internazzjonali jew regolamenti ta' pajjiżi terzi fil-qafas ta' ftehim multilaterali jew ftehim bilaterali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.
2. L-ekwivalenza ta' l-approvazzjonijiet tat-tip KE maħruġa fuq il-bażi tad-direttivi separati dwar vetturi bil-mutur kif imfissra fid-Direttiva 70/156/KEE u li jinsabu fl-Anness II, Kapitolu B, Taqsima II-A, ma' din id-Direttiva, hija rikonoxxuta.
3. L-ekwivalenza ta' l-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa fuq il-bażi tar-regolamenti UN/ECE li huma annessi mal-Ftehim rivedut ta' l-1958 li jinsab fl-Anness II, Kapitolu B, Taqsima II-B, li jinsab ma' din id-Direttiva, hija rikonoxxuta.
4. L-ekwivalenza tal-bullettini tat-test maħruġin fuq il-bażi tal-kodiċijiet EOC standardizzati li jinsabu fl-Anness II, Kapitolu B, Taqsima II-C ma' din id-Direttiva hija rikonoxxuta bħala alternattiva għar-rapporti tat-test imħejjija taħt id-direttivi separati.

Artikolu 13

Arranġamenti biex tkun assigurata konformità ta' produzzjoni

1. Stat Membru li jagħti approvazzjoni KE tat-tip għandu jieħu l-miżuri msemija fl-Anness IV dwar dik l-approvazzjoni biex jivverifika, fejn ikun jixraq, b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni KE tat-tip fl-Istati Membri l-oħra, li jkunu saru arranġamenti sewwa biex jassiguraw li l-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jkunu ġew magħmulin ikunu konformi mat-tip approvat.

2. Stat Membru li li jkun ta approvazzjoni KE tat-tip għandu jieħu l-miżuri msemija fl-Anness IV dwar dik l-approvazzjoni biex jivverifika, fejn ikun jixraq, b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni KE tat-tip fl-Istati Membri l-oħra, li l-arranġamenti msemija fil-paragrafu 1 jibqgħu tajbin u li l-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jkunu ġew magħmulin jibqgħu ikunu konformi mat-tip approvat.

Il-verifikazzjoni biex jiġi assigurat li l-prodotti jikkonformaw mat-tip approvat għandha tkun limitata għall-proċeduri stabbiliti fit-Taqsima 2 ta' l-Anness IV.

Artikolu 14

Obbligazzjoni li tingħata informazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-approvazzjoni KE tat-tip fl-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin fi żmien xahar jekk approvazzjoni KE tat-tip tkun irtirata u r-raġunijiet għal dan.

Artikolu 15

Klawnsoli ta' salvagwardja

1. Jekk Stat Membru jistabbilixxi li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ta' tip partikolari jistgħu jkunu ta' riskju serju għas- sigurtà fit-triq jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol għalkemm ikunu akkumpanjati b'ċertifikat validu ta' konformità jew ikunu mmarkati kif imiss, huwa jista', għal perjodu massimu ta' sitt xhur, jirrifjuta li jirreġistra dawk il-vetturi jew jipprojbixxi l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz fit-territorju tiegħu ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati bħal dawk.

Għandu minnufih jinnotifika b'dan lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, waqt li jiddikjara r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni tiegħu.

2. Fis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati kemm jista' jkun malajr.

Meta, wara dawk il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi:

- (a) li l-miżura tkun ġustifikata, hija għandha tinforma minnufih lill-Istat Membru li jkun beda l-azzjoni u lill-Istati Membri l-oħra;
- (b) jekk il-miżura ma tkunx ġustifikata, għandha tinforma minnufih lill-Istat Membru li jkun beda l-azzjoni u lill-manifattur.

Meta d-deċiżjoni deskritta msemija fil-paragrafu 1 tkun ġustifikata minħabba xi vojt f'xi waħda mid-direttivi separati, id-deċiżjoni li tinżamm għandha tkun adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(2).

Artikolu 16

Nuqqas ta' konformità mat-tip approvat

1. Ikun hemm nuqqas ta' konformità mat-tip approvat meta jkun hemm devjazzjonijiet mill-partikolaritajiet fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni KE tat-tip u/jew mill-pakkett ta' l-informazzjoni u meta dawn id-devjazzjonijiet ma' jkunux ġew awtorizzati skond l-Artikolu 5(3) mill-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni KE tat-tip.

Vettura m'għandhiex titqies li tiddevja mit-tip approvat meta jit-ħarsu t-tolleranzi permessi bid-direttivi separati.

2. Jekk Stat Membru li jkun ta approvazzjoni KE tat-tip jsib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jkollhom ċertifikat ta' konformità jew marka ta' l-approvazzjoni KE tat-tip, ma jkunux jikkonformaw mat-tip li huwa jkun approva, huwa għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jkunu ġew magħmulin ikunu jaqblu mat-tip approvat.

L-awtorità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip f'dak l-Istat Membru għandha tinforma lil dawk mill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda, li jistgħu iwasslu għall-irtirar ta' l-approvazzjoni KE tat-tip.

3. L-awtorità responsabbli għall-approvazzjoni KE tat-tip tal-vettura għandha titlob lill-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni KE tat-tip tas-sistema, komponent, unità teknika separata jew vettura inkompleta biex jieħu l-miżura meħtieġa biex jassigura li l-vetturi li jkunu ġew magħmulin jikkonformaw mat-tip approvat fil-każ ta':

- (a) approvazzjoni KE tat-tip ta' vettura fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura joħroġ esklużivament min-nuqqas ta' konformità ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, jew

(b) approvazzjoni KE tat-tip f'ħafna stadji fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura kompleta toħroġ esklużivament min-nuqqas ta' konformità ta' sistema, komponent jew unità teknika separata li tiffirma parti mill-vettura inkompleta, jew tal-vettura inkompleta nfisha.

Hija għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni b'dan, u għandu japplika l-paragrafu 2.

Artikolu 17

Verifika ta' nuqqas ta' konformità

Jekk Stat Membru jsib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jkollhom magħhom ċertifikat KE ta' konformità jew ikollhom marka ta' approvazzjoni KE tat-tip ma jikkonformawx mat-tip approvat, huwa jista' jitlob lill-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni KE tat-tip biex jivverifika li l-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jkunu ġew magħmulin jikkonformaw mat-tip approvat.

Azzjoni bħal dik għandha tittieħed kemm jista' jkun malajr, u f'kull każ fi żmien sitt xhur mid-data tat-talba.

Artikolu 18

Notifika ta' deċiżjonijiet u rimedji legali disponibbli

Id-deċiżjonijiet kollha li jirrifjutaw jew jirtiraw approvazzjoni tal-tip KE, li jirrifjutaw reġistrazzjoni jew li jħallux id-dħul fis-servizz jew bejgħ, meħudin skond id-disposizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet fi fuqhom ikunu bbażati.

Kull deċiżjoni bħal din għandha tkun notifikata lill-parti konċernata li għandha, fl-istess żmien, tkun infurmata bir-rimedji li jkollha bil-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u l-limiti ta' żmien permessi għal-eżerċizzju ta' dawk ir-rimedji.

Artikolu 19

Emendi għall-Annessi ta' din id-Direttiva jew tad-direttivi separati

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett imsemmi hawn taħt għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 20(2):

- (a) il-bidliet meħtieġa biex jiġu adattati l-Annessi li jinsabu ma' din id-Direttiva, jew
- (b) il-bidliet meħtieġa biex ikunu adattati d-disposizzjonijiet tekniċi tad-direttivi separati, jew

(ċ) l-introduzzjoni fid-direttivi separati ta' disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni KE tat-tip ta' unitajiet tekniċi separati.

2. Jekk, skond id-Deċiżjoni 97/836/KE, jiddaħħlu regolamenti ġodda jew emendi li l-Komunità tkun aċċettat għar-regolamenti eżistenti, il-Kummissjoni għandha, għalhekk, tadatta l-Annessi ta' din id-Direttiva, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(2).

Artikolu 20

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jitqies d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 21

Notifika ta' l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni KE tat-tip u servizzi tekniċi

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-ismijiet u l-indirizzi ta:

- (a) l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni KE tat-tip u, skond il-każ, l-oqsma li għalihom huma responsabbli, u
- (b) is-servizzi tekniċi li huma jkunu stabbilew, waqt li jispeċifikaw għal liema proċeduri ta' testijiet kull wieħed minn dawn il-korpi jkun ġie stabbilit.

Is-servizzi tekniċi notifikati għandhom ikunu skond l-istandard armonizzat dwar l-operazzjoni tal-laboratorji ta' l-ittestjar (EN - ISO/IEC 17025:2000) u taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (i) manifattur jista' jinħatar għal servizz tekniku biss meta dan ikun hekk espressament previst permezz ta' direttivi separati jew regolamenti alternattivi;
- (ii) l-użu ta' tagħmir estern minn servizz tekniku, bi ftehim ma' l-awtorità ta' l-approvazzjoni KE tat-tip, ikun awtorizzat.

2. Servizz tekniku notifikat għandu jitqies li jkun skond l-istandard armonizzat imsemmi fil-paragrafu 1(b).

Iżda, meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri li jgħibu prova.

3. Servizzi f'pajjiżi terzi jistgħu jiġu notifikati bħala servizzi tekniċi stabbiliti biss meta dan ikun previst fi ftehim bilaterali jew multilaterali bejn il-Komunità u l-pajjiżi terz in kwistjoni.

Artikolu 22

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2004. Għandhom minnufih jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet mill-1 ta' Lulju, 2005.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal dik fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif għandha ssir dik ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni id-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 23

Miżuri ta' infurzar għall-approvazzjoni KE tat-tip

1. Fir-rigward ta' vetturi li jagħmlu parti mill-kategoriji T1, T2 u T3, l-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva għal:

- (a) tipi ġodda ta' vetturi mill-1 ta' Lulju, 2005;
- (b) vetturi ġodda kollha mdaħħla fis-servizz mill-1 ta' Lulju, 2009.

2. Għall-kategoriji ta' vetturi barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu 1, meta d-Direttivi kollha separati għal kategorija ta' vettura kif imfissra fl-Anness II jkunu adottati, l-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva:

- (a) tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-aħħar direttiva separata li għad jonqos li tkun adottata għal tipi ġodda ta' vetturi;

- (b) sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-aħħar direttiva separata li għad jonqos li tkun adottata għall-vetturi kollha mdaħħla fis-servizz.

3. L-Istati Membri jistgħu, fuq talba tal-manifatturi, japplikaw din id-Direttiva għal tipi ġodda ta' vetturi sa mid-dati tad-dħul fis-seħħ tad-direttivi separati kollha relatativi.

Artikolu 24

Tħassir

1. Id-Direttiva 74/150/KEE għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Lulju, 2005.

2. Ir-referenzi għad-Direttiva 74/150/KEE għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva u jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni murija fl-Anness VIII ta' din id-Direttiva.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 26

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Mejju, 2003.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Għall-Kunsill

Il-President

G. DRYS

ELENKU TA' ANNESSI

ANNES I	Mudelli ta' dokumenti ta' informazzjoni
ANNES II:	
— Kapitolu A	Tifsir ta' kategoriji ta' vetturi u tipi ta' vetturi
— Kapitolu B	Elenku tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet ta' l-approvazzjoni ta' vetturi tat-tip KE
Appendiċi 1	Tifsir ta' vetturi għal użu speċjali u elenku ta' kondizzjonijiet għall-finijiet ta' l-approvazzjoni ta' vetturi tat-tip KE: applikabilità tad-direttivi separati għal vetturi għal użu speċjali
Appendiċi 2	Proċeduri li għandhom jitħarsu matul l-approvazzjoni ta' vetturi tat-tip KE
— Kapitolu Ċ	Ċertifikat ta' approvazzjoni ta' vetturi tat-tip KE
Appendiċi 1	Sistema ta' enumerazzjoni għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni KE tat-tip
ANNES III	Ċertifikat ta' konformità tal-KE
ANNES IV	Proċeduri li jassiguraw konformità ta' produzzjoni
ANNES V	Limiti għal vetturi ta' serje żgħar u fl-aħħar tas-serje
ANNES VI	Elenku ta' approvazzjonijiet tat-tip KE maħruġin taħt direttivi separati
ANNES VII	Proċeduri li għandhom jitħarsu matul l-approvazzjoni KE tat-tip f'haġna stadji
ANNES VIII	Tabella ta' Korrelazzjoni

ANNEX I ⁽¹⁾

MUDELLI TA' DOKUMENTI TA' INFORMAZZJONI

(Id-dokumenti kollha ta' informazzjoni msemmija f'din id-Direttiva u f'direttivi separati għandhom jikkonsistu biss f'estratti minn dan l-elenku eżawrjenti u għandhom jużaw is-sistema ta' enumerazzjoni tiegħu u ta' l-ebda sistema oħra.)

L-informazzjoni li ġejja, jekk applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi elenku tal-kontenut. Kull disinn għandu jingħata fi skala xierqa u b'dettalji biżżejjed fuq daqs A4 jew fuq fowlder ta' format A4. Ritratti, jekk ikun hemm, għandu jkollhom dettalji biżżejjed.

MUDELL A

Elenku eżawrjenti

Il-Mudell A għandu jintuża jekk ma jkunx hemm ċertifikat ta' approvazzjoni KE tat-tip mogħti skond direttiva separata dwar is-suġġett

- 0. ĠENERALI
- 0.1 Marka/i (*trade mark* reġistrat mill-manifattur):
- 0.2 Tip (semmi varjant u verżjoni):
- 0.2.0 Sitwazzjoni fir-rigward tal-bini tal-vettura:
 - għall-vettura kompleta/kompletata/inkompleta ⁽²⁾
 - Fil-każ ta' vettura kompletata, semmi l-isem u l-indirizz tal-manifattur ta' qabel u n-numru ta' approvazzjoni tal-vettura inkompleta jew kompleta.
- 0.2.1 Isem/ismijiet fil-kummerċ (meta jkun xieraq):
- 0.3 Il-mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk ikunu mmarkati fuq il-vettura:
 - 0.3.1 Pjanċa tal-manifattur (fejn u kif titwaħħal):
 - 0.3.2 In-numru ta' identifikazzjoni tax-*chassis* (post):
- 0.4 Kategorija ta' vettura ⁽³⁾:
- 0.5 L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.6 Fejn u kif jitwaħħlu pjanċi statutorji u skrizzjonijiet (ritratti jew disinjati):
- 0.7 Fejn u kif titwaħħal marka ta' approvazzjoni KE tat-tip fuq sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati:
- 0.8 Isem/ismijiet u indirizz(i) tal-fabbrika/fabbriki ta' immuntar:

⁽¹⁾ Jekk parti jkollha l-approvazzjoni tat-tip hija tista' ma tkunx deskritta jekk issir referenza għal dik l-approvazzjoni. Id-deskrizzjoni ma tkunx meħtieġa wkoll għall-komponenti kollha li l-karatteristiċi strutturali tagħhom jintwerew ċar permezz ta' disinjati jew stampi mehmuża mad-dokument. Għandu jinwera l-għadd ta' annessi li jikkorrispondu ma' kull intestatura meta jkun hemm ritratti jew disinjati mehmużin.

⁽²⁾ Ħassar jekk ma japplikax.

⁽³⁾ Klassifikazzjoni skond it-tifsiriet memmija fl-Anness II, Kapitolu A, tad-Direttiva 2003/37/KE.

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TA' KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA
- (Ehmeż ritratti $\frac{3}{4}$ ta' quddiem u $\frac{3}{4}$ ta' wara jew disinji ta' verżjoni rappreżentattiva, u disinn bil-qisien kollha tal-vettura)
- 1.1 Numru ta' fusijiet u roti:
- 1.1.1 Numru u pożizzjoni ta' fusijiet b'roti ta' bi tnejn (jekk applikabbli):
- 1.1.2 Numru u pożizzjoni ta' fusijiet direzzjonali:
- 1.1.3 Fusijiet mekkanizzati (numru, pożizzjoni, interkonnessioni):
- 1.1.4 Fusijiet bil-brejkijiet (numru, pożizzjoni):
- 1.2 Pożizzjoni u arranġament tal-magna:
- 1.3 Pożizzjoni ta' l-istering: lemin/xellug/ċentrali ⁽¹⁾
- 1.4 Pożizzjoni riversibbli tas-sewwieq: iva/le ⁽¹⁾
- 1.5 Chassis: is-sinsla/ix-chassis bil-ġnieb/ chassis artikulat/ohra ⁽¹⁾
- 1.6 Vettura mfassla għall-użu fit-triq fuq: il-lemin/ix-xellug ⁽¹⁾
2. MASES U DIMENSIJONIJIET ⁽²⁾ (f'kg u mm) (B'referenza għal disinji fejn japplika)
- 2.1 Massa/mases mhux mgħobbija:
- 2.1.1 Massa/mases mhux mgħobbija li taħdem/jaħdmu tajjeb ⁽³⁾
- (li sservi/jservu bħala punt ta' referenza għal ħafna direttivi separati) (inkluża l-istruttura ta' protezzjoni roll-over, esklużi l-aċċessorji mhux obbligatorji, iżda bil-coolant, lubrikanti, fuel, għodda u sewwieq): ⁽⁴⁾
- massimu:
- minimu:
- 2.1.1.1 Distribuzzjoni ta' din (dawn) il-massa/mases fost il-fusijiet u, fil-każ ta' semi-trailer (jew makkinarju irmunkat interkambjabbli) jew trejler b'fus fiċ-ċentru (jew makkinarju irmunkat interkambjabbli), it-tagħbija fuq il-ponta ta' l-igġanċjar:
- 2.2 Il-massa/mases kif iddikjarata/iddikjarati mill-manifattur:
- 2.2.1 Massa massima b'tagħbija teknikament permissibbli ta' vettura skond l-ispeċifikazzjonijiet tat-tyre:
- 2.2.2 Id-distribuzzjoni ta' din (dawn) il-massa/mases fost il-fusijiet u, fil-każ ta' semi-trailer (jew makkinarju irmunkat interkambjabbli) jew trejler b'fus fiċ-ċentru (jew makkinarju irmunkat interkambjabbli), it-tagħbija fuq il-ponta ta' l-igġanċjar:
- 2.2.3 Limiti fid-distribuzzjoni ta' din (dawn) il-massa/mases fost il-fusijiet (semmi l-limiti minimi f'perċentwali fuq il-fus ta' quddiem u fuq il-fus ta' wara) u, fil-każ ta' semi-trailer (jew makkinarju irmunkat interkambjabbli) jew trejler b'fus fiċ-ċentru (jew makkinarju irmunkat interkambjabbli), it-tagħbija fuq il-ponta ta' l-igġanċjar:

⁽¹⁾ Ħassar jekk ma japplikax.

⁽²⁾ Ħassar jekk ma japplikax.

⁽³⁾ Standards ISO 612:1978 u 1176:1990.

⁽⁴⁾ Standard ISO 612/-6.3:1978.

⁽⁵⁾ Il-massa tas-sewwieq għandha titqies li tkun ta' 75 kg.

2.2.3.1 Massa/mases u tyre(s):

Fus Nru	Tyres (qisien)	Kapaċità tat-tagħbija	Massa massima teknikament permissibbli għal kull fus	Tagħbija massima vertikali permissibbli fuq il-ponta ta' l-igġanċjar (?)
1				
2				
3				

(?) Tagħbija trasmessa liċ-ċentru ta' referenza tal-coupling taħt kundizzjonijiet statiċi.

- 2.2.4 Tagħbija (!):
- 2.3 Mases tas-saborra (piż totali, materjal, numru ta' komponenti):
- 2.3.1 Distribuzzjoni ta' din (dawn) il-massa/mases fost il-fusijiet:
- 2.4 Massa/mases teknikament permissibbli għall-irmonk ma' trattur fil-każ ta':
- 2.4.1 Trejler bil-ganċ (makkinarju irmunkat interkambjabbli):
- 2.4.2 *Semi-trailer* (makkinarju irmunkat interkambjabbli):
